MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru. 524/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Pierre Micallef Grimaud]**

**vs**

**James Demanuele**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi James Demanuele detentur tal-karta tal-identita` numru 235374(M).

Akkuzat talli fil-25 ta’ Mejju, 2010, ghall-habta tal-11:00a.m. gewwa Awla 11 fil-Bini tal-Qrati tal-Gustizzja, il-Belt Valletta, filwaqt li kienet qed tinzamm seduta quddiem il-Magistrat:

(i) Bl-imgieba tieghu, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe` offiza ta’ natura hafifa fuq Elena Maria Felice, detentrici tal-karta tal-identita’ numru 0418779M, persuna li kellha tarbija komuni mieghu ai termini tal-Artikolu 222 (1) (A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9;

(ii) Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura hafifa fuq PC79 Antoine Grixti 221 (1) tal-Kapitolu 9;

(iii) Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura hafifa fuq Martin Dalli, bi ksur tal-Artikolu 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(iv) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq diversi persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(v) Bl-imgieba tieghu, kkaguna biza` li se tintuza vjolenza kontra Elena Maria Felice, detentrici tal-karta tal-identita` numru 0418779(M), persuna li kellha tarbija komuni mieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 251B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(vi) Bl-imgieba tieghu, kkaguna lill-istess imsemmija Elena Maria Felice, biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Elena Maria Felice hekk tibza kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet; u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(vii) Gab ruhu b’mod li ta fastidju lill-imsemmija Elena Maria Felice u/jew b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal Elena Maria Felice u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(viii) Hebb ghall-imsemmija Elena Maria Felice sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ix) Bil-fomm, hedded li kien ser joqtol lil Elena Maria Felice, detentrici tal-karta tal-identita' numru 0418779(M), persuna li kellha tarbija komuni mieghu bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(x) Ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni. Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(xi) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fuq propjeta' pubblika ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(xii) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(xiii) Ma obdiex l-ordnijiet leggittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew setgha jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id-dizubbidjenza jew dak li l-indhil ma kienx jaqa' taht dispozizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Elena Maria Felice u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat ukoll it-talba li f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Elena Maria Felice ai termini tal-Artikolu 382 A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan, l-imputat James Demanuele huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi: u

Rat il-pre-sentencing report tal-Probation Officer;

Rat l-ammissjoni tal-imuptat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u rega' ikkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat illi l-imputat huwa dispost serjament li jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 222(1)(A), 221(1), 222(A), 95, 251B(1), 251B, 251A, 339(1)(d), 339(1)(e), 339(e), 325, 338(dd), 338(ee), 412(c), 382A, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat James Demanuele hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u minflok tinfliggi piena qed tpoggih taht probation order ghal zmien tlett (3) snin b'dan illi nel frattemp il-probation officer hekk imqabbad ghandu jkun akkumpanjat b'psikologu sabiex l-imputat ikollu kull possibilita` biex jirriforma ruhu. L-imputat ghandu wkoll f'dan il-perjodu jattendi ghal kors kontra d-dipendenza tal-alkohol.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------